MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 12/2010

**A-B C f'isimha proprju u kif ukoll bhala kuratrici ad litem tal-minuri D H nominata b'digriet tal-1 ta' Gunju 2010**

**-vs-**

**I J;**
**K H;**
**Dr. Renzo Porsella Flores u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici li b'digriet tal-Qorti tat-23 ta' Frar 2010 gew appuntati bhala Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw lill-minuri D H u b'digriet tal-1 ta' Gunju 2010, l-istess Kuraturi Deputati gew estromessi mill-kawza;**
**Direttur tar-Registru Pubbliku ghal kull interess li jista' jkollu**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A-B C fejn din, wara li ppremettiet:

Illi hi zzewget lill-konvenut K H fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Lulju elf disa' mija u disghin (1999) u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal;

Illi tlett snin wara, ir-ragel K H telaq mid-dar matrimonjali u fil-erbgha u ghoxrin ta' Marzu (24) elfejn u disgha (2009) permezz ta' kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Amanda Grech kisbet is-separazzjoni minn K H u dan kif jidher mill-anness kuntratt u mmarkat Dok. A;

Illi waqt li hija u zewgha l-intimat K H kienu separati de facto hija bdiet relazzjoni mal-intimat I J u minn din ir-relazzjoni twieled tifel (D) fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Lulju, elfejn u disgha (2009) – certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat Dok. B – liema tifel minuri huwa l-wild naturali tal-istess intimat I J u dan kif jirrizulta mill-anness rizultat tad-DNA – hawn anness u mmarkat Dok. C – li jikkonferma lill-intimat I J l-missier naturali tal-minuri fi grad ta' 99.9%;

Illi inoltre l-imsemmi intimat K H m'huwiex qieghed ihallas manteniment lir-rikorrenti ghall-htigijiet tal-imsemmi minuri D H, u lanqas qatt ma hallas u dana stante li l-minuri mhux il-wild naturali tieghu;

Illi l-esponenti qeghda tikkoabita mal-intimat, I J, il-missier naturali, u certifikat tat-twelid tal-intimat hu anness u mmarkat Dok. D;

Illi hemm lok ghalhekk illi c-certifikat tat-twelid ta' D H jigi emendat fis-sens illi l-paternita' tal-istess minuri tkun korrettament tirrispekkja u tikkonforma mal-fatt illi l-imsemmi I J huwa l-missier naturali tal-minuri D H;

Illi ghalhekk b'ligi trid issir din il-kawza, halli jigi ddikjarat li dan l-istat ta' paternita' mhux korrispondenti mal-fatti, u tigi ddikjarata l-paternita' reali u fattwali.

Ghaldaqstant, l-attrici titlob lil din l-Onorabbli l-Qorti sabiex:

Tiddikjara u tiddeciedi li l-imsemmi minuri D H huwa iben naturali tal-intimat I J;

Tordna ghalhekk lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-Att tat-Twelid tal-minuri D H numru ta’ iskrizzjoni 2579 tas-sena 2009, jaghmel is-sostituzzjonijiet mehtiega billi fl-Att, referenza ghall-konnotat ta’ missier it-tarbija, l-isem K H jigi sostitwit bl-isem I J.

Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat id-digriet tat-23 ta’ Frar 2010 li permezz tieghu gew nominati Dr. Renzo Porsella Flores u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici bhala kuraturi biex jirraprezentaw lill-minuri D H.

Rat li saret id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern.

Rat ir-risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku fejn dan eccpixxa:

Illi in vena preliminari jigi rilevat li t-talbiet tar-rikorrenti bil-mod kif inhuma interposti ma jistghux jigu akkolti ghaliex m’huwiex permess bil-ligi li terza persuna interessata bhalma hija r-rikorrenti tipproponi kawza ghal ricerka ta’ paternita’ stante li tali azzjoni hija mhollija biss lill-persuna mwielda u koncepita matul iz-zwieg, f’dan il-kaz lill-minuri D H. Min-naha l-ohra biex jinghad kollox, l-unika perkors ta’ azzjoni li tikkoncedi l-ligi lil terzi persuni interessati inkluz l-omm naturali hija dik delineata fl-Artikolu 77 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta li toffri l-opportunita’ li tigi kkontestata l-filjazzjoni ta’ persuna mwielda u mnissla fiz-zwieg;

Illi bla ebda pregudizzju ghas-suespost, fuq il-mertu tal-kaz b’mod partikolari dwar il-paternita’ tal-minuri D H, l-esponent naturalment m’huwiex edott mill-fatti li gew

iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero' li l-provi migjuba ghandhom ikunu l-ahjar u kif ukoll sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi;

Illi subordinatament u minghajr hsara ghall-premess, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tammetti t-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti, l-esponenti jissollecita lill-konvenut I J sabiex permezz ta' nota guramentata jispecifika (i) id-dokument tal-identita' tieghu, (ii) l-eta' tieghu meta twieled il-minuri D H, (iii) il-post fejn twieled, (iv) il-post fejn kien joqghod meta twieled D, (v) isem u kunjom missieru u (vi) jekk missieru kienx haj jew mejjet meta twieled it-tifel de quo. Dawn id-dettalji huma mehtiega biex jigu inseriti fl-atti tat-twelid numru 2579 tas-sena 2009;

Illi subordinatament dejjem bla hsara ghal dak fuq imsemmi, il-partijiet ghandhom jiddeciedu liema kunjom ha jassumi l-minuri D ai termini tal-Artikolu 92 (6) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi finalment, dejjem minghajr pregudizzju ghas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrenti m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u ghalhekk huwa m'ghandux jigi assoggjettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghda tigi ingunta in subizzjoni.

Rat id-digriet taghha tal-1 ta' Gunju 2010, fejn, fuq talba tal-istess rikorrenti, gew estromessi mill-kawza l-imsemmija kuraturi u giet mahtura minflok l-istess A-B C bhala kuratrici ad litem tal-minuri D H.

Rat li, ghalkemm debitament notifikati, K H u I J ghazlu li ma jwiegbux ghall-kawza.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza, A-B C qed titlob lill-Qorti tiddikjara illi l-minuri D m'huwiex wild naturali ta' zewgha K H izda huwa wild naturali ta' I J. Il-minuri

twieled biss xi xhur wara s-separazzjoni legali tal-koppja A-B C u K H.

Ir-rikorrenti A-B C rnexxielha tipprova ghas-sodisfazzjon ta’ din il-Qorti illi dak li qed issostni huwa minnu. Dan sar permezz ta’ xhieda prodotta u partikolarment bil-konferma bil-gurament da parti tal-esperti tar-rizultanzi tal-ezamijiet xjentifici minnhom esegwiti u li urew fic-cert illi l-minuri huwa wild I J. Ghalhekk it-talba hija gustifikata u ghandha tigi milqugha.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi:**

1. Tilqa’ t-talba tar-rikorrenti fis-sens illi tiddikjara illi l-minuri D li twieled fl-24 ta’ Lulju 2009, m’huwiex wild K H izda huwa wild naturali ta’ I J;

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex fl-Att tat-Twelid Nru. 2579 tal-2009, mill-kolonna bid-dettalji ta’ missier it-tarbija jithassru l-konnotati ta’ K M N H u jitnizzlu minflok il-konnotati ta’ I J, Karta tal-Identita’ Nru. 484578(M), imwieled H’Attard u residenti Tas-Sliema, tal-eta’ ta’ tletin sena, iben O, haj.

L-ispejjez jithallsu minn A-B C.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------